# X'Inhuma l-*GREENHOUSE GASES*?

## X'effett għandhom fuq l-ambjent ta' madwarna?

L-atmosfera ta' madwar id-dinja tikkonsisti f'diversi gassijiet li jżommu din l-istess atmosfera f'bilanċ; bilanċ li jippermetti t-tkattir tal-ħajja. L-atmosfera tħalli ammont ta' radjazzjoni mix-xemx jippenetra u jsaħħan id-dinja filwaqt li taqta' barra radjazzjoni qerrieda. Dan il-bilanċ sensittiv jissejjaħ il-*Greenhouse Effect*.

Bħala bnedmin nużaw iż-żjut fl-industrija u fil-mezzi ta' trasport b'impatt negattiv fuq l-ambjent ta' madwarna. Maż-żmien irnexxielna wkoll inneħħu firxiet kbar ta' foresti li kienu jnaddfu l-arja. Bħala rizultat l-ammont ta' *Carbon Dioxide* fl-atmosfera żdied b'madwar 25% matul l-aħħar 200 sena.

Dan kollu qiegħed jirriżulta f'effett imsejjaħ *Global Warming* u qed jissarraf f'tibdil fil-klima tad-dinja; ngħidu aħna anqas xita f'certi nħawi bir-riżultat li art agrikola tinbidel f'desert. Hemm ukoll min isostni li t-temp qiegħed isir aktar estrem b'għargħar, nixfa, irjieħ u tempesti jseħħu f'regjuni li qajla kienu jbatu minn dawn il-fenomeni naturali.

Għandna nagħmlu l-almu tagħna sabiex innaqqsu l-emissions ikkawżati mill-ħruq taż-żjut billi nużaw anqas energija; naħlu anqas u nillimitaw dak kollu li jista' jgħin sabiex insalvaw l-ecosistema li ilha ssostni l-bniedem u l-ħlejjaq ta' madwarhu għal eluf ta' snin.

**Ir-riċiklaġġ jagħmel sens**
Ħafna drabi tista' tagħmel użu tajjeb minn ħafna affarijiet li s-soltu jintremew. Per eżempju, l-fdalijiet tal-ikel u kull ma hu organiku jista' jiġi kkonvertit bħala fertilizzant għall-pjanti u s-siġar.

**Ieqaf aħseb ftit!**
Eżempju ieħor tar-riċiklaġġ huwa l-*Logmaker*. Gazzetti skaduti jiġu mgħaffġa f'dan l-impjant u joħorġu f'sura ta' 'zkuk' tal-karta li jistgħu jintużaw minflok l-injam ġo fireplaces sabiex insaħħnu djarna.



Progett iehor li qieghed isehh barra min Malta jigbor hgieg mis-settijiet tat-television mormija. Meta dan il-hgieg jiddewweb hemm min qieghed jaghmel vazuni, tazzi w oggetti ohra maghmula mill-hgieg.

# IFFRANKA L-ILMA




**Kważi 50% mil-ilma f'Malta jiġi mill-impjanti tal-*Reverse Osmosis*, fejn l-ilma baħar jiġi pproċċessat għal ilma tajjeb għax-xorb. Dan il-proċess juża ħafna elettriku allura jekk tiffranka l-ilma tiffranka wkoll id-dawl.**

***HEMM X'TISTA' TAGĦMEL ID-DAR?***
Kull meta tixtri *appliance* qis li jkollha **Energy Label** bhal dik fir-ritratt ta' hawn taħt.

- Appliance li għandha *rating* 'A' taħli l-inqas elettriku. Aktar ma wieħed jinżel l-isfel fl-iskala jfisser li l-*appliance* tikkonsma aktar enerġija. Il-prezz ta' appliances li jkollhom *rating* ta 'A' jew 'B' mhux bilfors ikunu iktar għolijin fil-prezz u jiffrankawlek mill-konsum tad-dawl.
- Uża bozoz *energy saving* speċjalment fil-kmamar li tuża l-aktar.
- Itfi kull kamra li m'hijiex qiegħda tintuża.
- Issettja t-temperatura tal-*water heater (geyser)* għal madwar 60 °C u mhux aktar. Meta tgħolli t-temperatura aktar tkun qed issaħħan l-ilma u imbagħad terġa tkesshu fil-*mixer* tal-banju jew *shower* biex tinħasel. Allura qed issaħħan l-ilma għalxejn, taħli u tħallas aktar flus.
- Meta tixgħel l-*air conditioner* għalaq il-kamra li trid issaħħan jew tkessaħ inkluż it-twieqi għax inkella tkun qed tipprova tkessaħ u issaħħan anke l-ambjent ta' barra!

**Biex tnaqqas is-shana fis-sajf:**

- Uża kull mezz biex tagħmel dell fuq il-ħitan u t-twieqi;
- Jekk ser tagħmel twieqi bil-persjani qis li dawn jitwaħħlu fuq barra. Qatt ma għandek twaħħal il-ħġieġ fuq barra u l-persjana fuq ġewwa.
- Meta tibni dar ġdida ftakar biex ddaħħal insulation taħt il-kontrabejt u ma' dawk il-ħitan li jkollhom ix-xemx tisreġ fuqhom.
- Agħmel tined (bħalma jintużaw fl-agrikoltura) biex tgħatti l-bjut. Din għandha titwaħħal kemmxejn il-fuq mill-art tal-bejt;
- Agħlaq it-twieqi matul il-ġurnata u iftaħhom mal-lejl biex iddaħħal arja aktar friska.

**Biex tnaqqas il-kesha fix-xitwa:**

- Uża aperturi bid-*double glazing*;
- Uża *dehumidifier*. Ħafna drabi nħossu l-bard għax jista' jagħti l-kaz li s-soltu drabi nħossu aktar bard minħabba l-umdita' ta' l-arja.
- Dejjem aċċerta ruħek li m'hemmx xquq wiesgħin fl-aperturi biex tevita kurrenti ta' arja kiesħa.
- Fejn jaqbel ir-riħ ipprova ssiġġilla l-bibien sewwa.

**Tista' taħseb fuq affarijiet oħra int ukoll?**

## Kif tiffranka l-ilma

**Biex tinħasel** Fejn tista', hu shower minflokk banju mimli w tiffranka kważi 160 litru ilma kull darba !

**Fil-makna tal-ħasil**
Taħsilx jekk m'għandekx biżżejjed ħwejjeġ biex timla il-makna tal-ħasil.

**Taqtir mil-vitti**
Iċċekkja li l-vit u t-*toilets* ma jqattrux bla bżonn.

**Meta taħsel l-art** Tużax ħafna ilma għax barra li taħli, l-umidita' fid-dar tiżdied u għalhekk tħoss aktar bard fix-xitwa.

**Meta tinħasel jew meta taħsel is-snin**
Agħlaq is-*shower* jew il-vit meta tkun qed tuża is-sapun jew it-*tooth brush* biex taħsel snienek

**Biex tiflaxxja** Il-lum hemm *toilets* li jaħlu inqas ilma. Din tgħodd ħafna għal min ser jixtri *toilet* gdid. Tista ukoll tpoġġi flixkun tal-ħġieġ fil-*flushing tat-toilet* u b'hekk taħli anqas ilma kull darba li tiflaxxja. Tużax it-*toilet* bħala *bin*.



# Il-karozza tiegħek TAĦLI WKOLL!

Aktar ma **ssuq bil-għaġla** aktar taħli fuel. Per eżempju, jekk issuq bil-65 mil fis-siegħa minnflok bil-55, taħli sa 25% iktar petrol.

Evita li tagħfas il-gass jew il-brakes bis-saħħa fejn m'hemmx bżonn u **tiffranka minn 5 sa 10% mill-fuel.**

Jekk tinqabad fit-traffiku ghal tul ta' zmien **itfi l-makna** u tiffranka l-petrol u dan minbarra li tnaqqas t-tniggis ta' l-arja.

Ipprova ghamel **aktar minn qadja wahda** f'kull vjagg. B'hekk tnaqqas il-konsum tal-fuel minhabba li-makna tishon fuq vjaggi itwal.

**Nehhi l-piz zejjed** mil-boot u li ma ghandekx bzonnu.

Ghal distanzi qosra ipprova **imxi minflok tuza l-karroza.** Dan tajjeb ghal sahhtek ukoll.

Jekk sejjer l-iskola bil-karozza mal-genituri **wassal lil xi hadd** minn shabek ukoll. B'hekk ikun hawn inqas karozzi fit-toroq.

**Karozzi *'Hybrid'***
Karozzi *'Hybrid'* jistghu jahdmu b'mutur ta' l-elettriku jew b'makna petrol. Meta tkun qieghed issuq fit-tul ikun aktar facli li tuza l-makna u fl-istess hin ticcargja l-batterriji tal-karozza. Minn naha l-ohra, meta tkun qieghed issuq fit-traffiku jaqbillek tuza l-mutur ta' l-elettriku u b'hekk tiffranka l-fuel u tnaqqas it-tniggis ta' l-arja fiz-zoni urbani.

**BIO-FUELS**
Illum il-gurnata tista' wkoll tuza fuels alternattivi bhalma huma l-BIO-FUELS. Makni li juzaw Bio-Fuels jaghmlu ferm inqas tniggis minn karozzi li juzaw id-diesel normali.

**FUEL CELLS**
Fil-futur jista' jkun hemm ukoll trasport li jithaddem permess ta' FUEL CELLS. Dawn is-Cells ibiddlu l-Hydrogen ghal-elettriku li jista' jigi wzat sabiex jithaddem ghal mutur tal-vettura.

# Energija MIR-RIĦ

F'diversi pajjiiżi r-riħ qiegħed jintuża biex jiġi ġġenerat l-elettriku b'*wind turbines.* Dawn il-makni jikkonsistu fi skrun li jiddawwar mir-riħ u li qiegħed imqabbad ma' ġeneratur li jipproduċi l-elettriku. *Wind turbines* żgħar ġeneralment jitqabbdu f'sistemi li jiċċarġjaw batterijji. Sistemi bħal dawn jintużaw f'postijiet isolati jew bogħod mill-*grid*. Minn naħa l-oħra, turbini ta' ċertu daqs jitqabbdu direttament mal-*grid*.

## Ieqaf aħseb ftit!

Hemm min jgħid li *wind turbines* huma storbjużi. Din hija skala li turi l-ħoss ta' *turbines* kkomparat ma' ħsejjes oħra ta' madwarna.

| HOSS IGGENERAT MINN: | LIVELL INDIKATTIV TAL-HOSS dB [A] |
|---|---|
| L-Inqas Hoss li Tista' Tisma' l-Widna Tal-Bniedem | 0 |
| Fil-Kampanja Mal-Lejl | 20 – 50 |
| Kamra Kwieta | 35 |
| *Wind Farm* minn 350 metru Boghod | 35 – 45 |
| Triq Principali – Minn Distanza Ta' 5 Kilometri | 35 - 45 |
| Karozza Ghaddejja b'65km Fis-Siegha Minn 100 metru Boghod | 55 |
| Ufficju B'Hafna Attivita' | 60 |
| Konversazzjoni | 60 |
| Vettura Kummercjali Ghaddejja bil-50km Fis-Siegha Minn Distanza ta' 100m | 65 |
| Traffiku F'Belt | 90 |
| *Jigger* ta' l-Arja Minn Distanza ta' 7m | 95 |
| Ajruplan Minn Boghod ta' 250 metru | 105 |
| Hoss li Jweġġa' l-Widna Tal-Bniedem | 140 |

## KUNTATTI OĦRA

http://www.inforse.org/europe/schools.htm
http://www.inforse.org/europe/inforseeducation/school_resources_home.htm
http://www.geocities.com/meereamalta
http://home.um.edu.mt/ietmalta
http://www.solcomhouse.com/
http://www.agores.org/default.htm
http://www.cat.org.uk/
http://www.aboutbioenergy.info

## Ħa nara!



Turbina tar-riħ żgħira.

*Wind turbines* jistgħu jitwaħħlu kemm fuq l-art kif ukoll fil-baħar. Dawn jissejħu *Onshore* jew *Offshore Wind Turbines* rispettivament. Il-vantaġġ ta' mpjanti *Offshore* huwa li ma jużawx art li tista' tintuża għal skopijiet oħra. Minn naħa l'oħra, dawn jirrikjedu kundizzjonijiet partikolari u livell ta' investiment sabiex dawn iseħħu.

Min tagħrif li jinstab fuq www.auswea.com.au

# Mix-xemx TISTA' tipproduċi l-elettriku

## Ix-xemx tagħtina s-sħana

L-enerġija tax-xemx tista' tiġi wżata sabiex issaħħan l-ilma mingħajr il-bżonn ta' elettriku.



Ritratt ta' l-ewwel sistema privata f'Malta mqabbda mal-grid li-tipproduċi elettriku mix-xemx

## Ħa nara!



Ritratt ta' *Solar Water Heater* fuq bejt ta' dar.

## Ieqaf aħseb Ftit!

Skond kif u kemm tuża ilma sħun, is-**Solar Water Heater** jista' jiffrankalek sa 20% mill-kont tad-dawl tiegħek.

## *Solar cells*

L-użu ta' *solar cells* simili għal dawk li naraw fis-*solar calculators* jistgħu jipproduċu elettriku mix-xemx.

## *Solar photovoltaics*

L-użu tas-*solar photovoltaics* huwa ferm popolari mad-dinja kollha minkejja li t-teknoloġija għadha tiswa mhux ħażin. Il-vantaġġ ta' din it-teknoloġija huwa li tista' tagħmel sistema bi ftit *solar modules* fil-bidu w żżid aktar modules fuq medda ta' żmien.

Ħadd ma għandu jibda jipproduċi elettriku mix-xemx qabel ma l-ewwel jagħmel *Solar Water Heater*.

Disinn u stampar fil-Media Centre, 2005

M.E.E.R.E.A.


# Malta Energy Efficiency and Renewable Energies Association

( M.E.E.R.E.A. )

P.O. Box 54, Malta International Airport, MIA 01 Malta
Tel: (+356) 7953 8123 Fax: (+356) 2125 5676



Dan il-fuljett ġie ppreparat bl-għajnuna ta'
**INFORSE-Europe**
minn fondi ta' l-UE għal programm ta' Edukazzjoni fl-iskejjel.